KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.7.2007
KUMM(2007) 407 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## dwar l-implimentazzjoni, mill-2005, tad-deċiżjoni kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri

[SEG(2007) 979]

MT MT

## 1. METODU

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 34 tad-deċiżjoni kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[1], il-Kummissjoni ssottomettiet rapport rivedut li jevalwa l-applikazzjoni ta' dan l-att (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni qafas") mill-Istati Membri kollha[2].

It-tieni rapport, hawnhekk ippreżentat, iwieġeb għal stedina magħmula mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-2 ta' Ġunju 2005[3] bil-għan li jaġġorna din l-evalwazzjoni sa l-1 ta' Ġunju 2007 bid-dħul fl-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 tar-Rumanija u l-Bulgarija. Il-kriterji ta' evalwazzjoni użati mill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dan ir-rapport huma, minn naħa, il-kriterji ġenerali li issa jintużaw regolarment għall-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet qafas (effettività, ċarezza u ċertezza legali, applikazzjoni sħiħa, ir-rispett tal-perjodu ta' traspożizzjoni)[4], min-naħa l-oħra, kriterji marbuta mal-manadat ta' arrest li huma prinċipalment in-natura legali, l-effikaċja u r-rapidità ta' l-effett tiegħu.

Biex ħejjiet dan ir-rapport, il-Kummissjoni ibbażat, prinċipalment, fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali l-ġodda li jimplimentaw il-mandat ta' arrest, dawk li t-test tagħhom kien mibgħut mill-Istati Membri, fuq il-kummenti tagħhom rigward l-ewwel rapport hekk kif ġew ippubblikati[5], kif ukoll fuq l-informazzjonijiet kumplimentari mibgħuta mis-Segretarjat ġenerali tal-Kunsill, speċjalment ir-risposti disponibbli għall-kwestjonarju statistiku indirizzat lill-Istati Membri mill-presidenza tal-Kunsill[6] u r-rapporti ta' evalwazzjoni mwettqa u ddeklassifikati għall-Belġju[7], id-Danimarka[8] u l-Estonja[9]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha djalogu bilaterali mal-punti ta' kuntatt nazzjonali magħżula għal dan il-għan u pparteċipat fid-djalogu stabbilit mill-Parlament Ewropew mal-parlamenti nazzjonali dwar dan is-suġġett[10].

## 2. EVALWAZZJONI

### 2.1. Prattika ġeneralizzata minkejja ċerti diffikultajiet inizjali ta' traspożizzjoni

Il-mandat ta' arrest huwa suċċess. Dan ir-rapport juri l-impotanza li qed tikber kull sena ta' l-użu tiegħu li jippermetti fil-prattika lill-imħallfin biex jiksbu faċilment konsenji fi żmien limitat u mnaqqas meta mqabbel mal-proċeduri klassiċi ta' estradizzjoni (ara 2.1.1). Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar f'dan ir-rapport id-diffikultajiet ta' traspożizzjoni li kellhom jiġu megħluba fl-2005, diffikultajiet li parti minnhom kellhom oriġini kostituzzjonali (2.1.2).

---

1 ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
2 COM(2005)63 u SEC(2005)267 23.2.2005, riveduti minn COM(2006)8 u SEC(2006)79
3 Komunikat ta' l-Istampa tal-Kunsill Nru 8849/05, 3.6.2005, p.10 u d-dokument Nru 8842/1/05, 19.5.2005.
4 COM(2001)771, 13.12.2001, § 1.2.2.
5 COPEN 118, 2.9.2005.
6 COPEN 75, 2.9.2005.
7 16454/1/06 REV1 COPEN 128 fit-3 ta' Jannar 2007
8 13801/1/06 REV1 COPEN 106 fis-6 Diċembru 2006
9 5301/01/07 REV1 COPEN 6 fl-20 ta' Frar 2007
10 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, 2005/2175(INI), 15.3.2006.

### 2.1.1. *Użu tal-mandat ta' arrest Ewropew li issa daħal għal kollox fil-prattika*

Il-volum totali ta' talbiet skambjati bejn l-Istati Membri żdied ħafna. B'hekk, il-mandat ta' arrest Ewropw mhux biss ħa post kważi għal kollox il-proċedura ta' estradizzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iżda l-użu tiegħu, minħabba l-merti tiegħu, huwa issa mifrux iktar. Il-każi residwi ta' nuqqas ta' applikazzjoni jikkonċernaw essenzjalment ċerti limiti minħabba:

- l-applikazzjoni tranżitorja tal-mandat ta' arrest Ewropew (Art. 32 / FR, IT u AT għamlu d-dikjarazzjonijiet xierqa; iżda anke CZ, LU, SI bi żball). L-Artikolu 30§1 tal-liġi Taljana madankollu jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi japplikaw għat-talbiet ta' eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa u rċevuti biss wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, jiġifieri fl-14 ta' Mejju 2005, u dan mhuwiex konformi mad-deċiżjoni qafas. Min-naħa l-oħra, CZ u LU għamlu dikjarazzjoni li ma tikkorrispondix mad-dispożizzjonijeit ta' l-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni qafas minħabba li din tikkonċerna l-mandati ta' arrest Ewropej li għalihom CZ u LU huma sew l-Istati ta' ħruġ u sew li jirċievu. Għal CZ, din id-diffikultà ġiet riżolta mill-adozzjoni ta' emenda għal-liġi ta' traspożizzjoni li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006. Barra minn dan, CZ issa taċċetta u toħroġ mandati ta' arrest għal fatti li seħħew qabel l-1 ta' Novembru 2004, ħlief għaċ-ċittadini nazzjonali tagħha. Fil-fatt, għall-infrazzjonijiet imwettqa miċ-ċittadini Ċeki qabel l-1 ta' Novembru 2004, konsenja ma tkunx possibbli ħlief b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewopea ta' estradizzjoni u taż-żewġ protokolli tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975 u tas-17 ta' Marzu 1978. Għall-infrazzjonijiet imwettqa miċ-ċittadini Ċeki wara l-1 ta' Novembru 2004, il-konsenja tibqa' madankollu tiddependi mill-kundizzjoni ta' reċiproċità.

- il-konsenja taċ-ċittadini nazzjonali (Art. 33/AT li għamel dikjarazzjoni f'dan is-sens lill-Kunsill; iżda wkoll, DE matul parti tas-sena 2005-2006 u CY u CZ, żewġ pajjiżi li ma jawtorizzawx il-konsenja taċ-ċittadini tagħhom ħlief għal fatti mwettqa wara l-1 ta' Novembru 2004 għal CZ u l-1 ta' Mejju 2004 għal CY). Għal PL, il-konsenja taċ-ċittadini hija possibbli minn meta ġiet emendata l-liġi fis-7 ta' Novembru 2006, iżda l-inkriminazzjoni doppja hija sistematikament verifikata.

Minkejja n-nuqqas ta' strument statistiku komuni għall-Istati Membri d-*data* trażmessa minn dawn tidher li tikkonferma ġeneralizzazzjoni tal-prattika tal-mandat ta' arrest Ewropew u tippermetti li turi t-tendenzi l-kbar li jixhdu l-effikaċja ta' din il-proċedura.

Fuq is-sena 2005 kollha, ħarġu madwar 6900 mandat mit-23 Stat Membru li kkomunikaw *data* dwar dan is-suġġett[11], jiġifieri d-doppju tas-sena 2004. F'iktar minn 1700 każ, il-mandati maħruġa wasslu għal-lokalizzazzjoni u l-arrest tal-persuna mfittxija. Iċ-ċifri li għadhom mhux uffiċjali għall-2006 jikkonfermaw din it-tendenza ċara li dejjem tikber minn sena għal sena.

It-trażmissjoni tal-mandati saret prinċipalment minn Interpol (58% tat-total tal-mandati maħruġa) u/jew mis-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen, fit-13-il Stat

[11] BE u DE ma setgħux jikkomunikaw iċ-ċifri għall-2005 (COPEN 52 9005/4/06 REV 4, 30.06.2006 ikkumplimentat b'REV 5, 18 ta' Jannar 2007).

Membru li għandhom aċċess għaliha (52% ta' l-istess total). Mill-bqija, il-mandati ta' arrest Ewropej, ħafna drabi, ġew sempliċiment trażmessi direttament bejn l-Istati Membri kkonċernati[12]. It-total tal-mandati ta' arrest Ewropej riċevuti kkomunikati minn 23 Stat Membru, jiġifieri iktar minn 8500, huwa ogħla mit-total tal-ħruġ, minħabba li mandat ta' arrest Ewropew jista' jiġi indirizzat lil bosta Stati Membri.

Fl-2005, iktar minn 1700 persuna mfittxija ġew arrestati fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest Ewropew fit-23 Stat Membru kkunsidrati preċedentement. Fuq it-total ta' dawn l-arresti, iktar minn 86% wasslu effettivament għal konsenja lill-Istat Membru tal-ħruġ (jiġifieri 1532 persuna konsenjata) (60% fl-2004). Fost il-persuni konsenjati fl-2005, nofshom kienu kkonsenjati bil-kunsens tagħhom (terz fl-2004). Min-naħa l-oħra, iktar minn ħamsin mill-persuni kkonsenjati fl-2005 fi ħdan l-Unjoni Ewropea kienu ċittadini nazzjonali (jew residenti) ta' l-Istat Membru li qabel li jikkonsenjahom, garanzija taħt l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni qafas li kienet mitluba f'każ minn tnejn.

It-tipi l-oħra ta' garanziji, meħtieġa f'każ ta' sentenza ta' kontumaċja jew f'sentenza ta' għomor, jintalbu biss rarament, ħlief minn ċerti pajjiżi membri bħal NL li titlobhom sistematikament - u dan iqajjem problema għall-pajjiżi li jeżegwixxu.

Globalment, id-*data* disponibbli għall-2005 tikkonferma li bil-mandat ta' arrest Ewropew il-konsenji jsiru fi żmien iqsar minn qabel. It-tul ta' żmien medju ta' eżekuzzjoni ta' talba naqas minn madwar sena bl-estradizzjoni l-qadima, għal inqas minn 5 ġimgħat (preċiżament 43 jum), saħansitra 11-il jum fil-każijiet[13] – frekwenti – fejn il-persuna taqbel mal-konsenja tagħha (rispettivament madwar 45 u 15 il-jum fl-2004). Madankollu, din il-medja ma tistax taħbi l-fatt li ċerti pajjiżi (IE u UK) għandhom perjodi ta' żmien ta' konsenja itwal minn dawn il-medji u jaqbżu sew il-perjodu ta' żmien massimu stabbiliti bid-deċiżjoni qafas, u l-Kummissjoni tilmenta dwar dan. Fl-2005, il-Kummissjoni identifikat madwar 80 każ (jiġifieri bilkemm 5% tal-konsenji) fejn il-perjodu ta' żmien ta' 90 jum previst bl-Artikolu 17(4) tad-deċiżjoni qafas ma setax jintlaħaq. Il-Kummissjoni tixtieq tinsisti fuq il-fatt li għalkemm in-notifika lil Eurojust tas-sitwazzjonijiet kollha ta' dewmien issir sistematikament minn ċerti pajjiżi, din għadha ma ssirx minn kulħadd u li l-Istati Membri għandhom kollha kemm huma jagħmlu sforzi f'dan is-sens.

Fuq il-livell prattiku, jekk l-instrumentum tal-mandat ta' arrest Ewropew fl-anness tad-deċiżjoni qafas (Art. 8) jissodisfa lil kważi l-Istati Membri kollha, l-esperjenza turi li r-rubriki dwar l-identifikazzjoni tal-persuna u d-deskrizzjoni tal-fatti għandhom jimtlew bl-aktar attenzjoni[14]. Huwa importanti wkoll li jiġi nnutat li n-netwerk ġudizzjarju Ewropew poġġa informazzjoni fuq il-web li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti (Art. 10-1)[15] u li Eurojust ippubblika linji gwida biex jgħinu fir-riżoluzzjoni tat-talba għall-għajnuna (Art. 16-2)[16].

---

[12] Is-somma taċ-ċifri ta' 58% u 52% hija iktar minn 100% għaliex l-istess mandat jista' jiġi trażmess minn bosta kanali.

[13] L-istatistiċi għal IE (risposti għall-mistoqsija 7.2 "bejn ġimgħa u sena") ma ġewx inklużi (COPEN 52 REV 4, 30.06.2006)

[14] RJE 6, 31.3.2006.

[15] http://www.ejn-crimjust.eu.int

[16] Anness II tar-rapport annwali ta' Eurojust għall-2004.

### 2.1.2. *Diffikultajiet ta' traspożizzjoni ta' oriġini kostituzzjonali f'ċerti Stati Membri, illum megħluba.*

Kunflitti ta' normi waqqfu temporanjament fl-2005 u fl-2006 l-applikazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni qafas fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, dispożizzjonijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni ġew meqjusa, kollha jew parti minnhom, bħala antikostituzzjonali f'ċerti Stati Membri (PL, DE, CY) matul is-sena 2005. Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta li dawn id-diffikultajiet ingħelbu u llum il-ġurnata m'għadhomx ostakolu għall-applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

Fl-ewwel każ (PL), kienet biss id-dispożizzjoni tal-liġi li tawtorizza l-konsenja taċ-ċittadini nazzjonali li tqieset bħala antikostituzzjonali (Artikolu 55 §1). Madankollu, din id-dispożizzjoni baqgħet tiġi applikata sas-6.11.2006, perjodu ffisat mill-Qorti Kostituzzjonali sabiex il-gvern ikollu ż-żmien li jġib il-kostituzzjoni konformi ma' l-obbligi Ewropej[17]. Matul dan il-perjodu, PL għalhekk kompliet tikkonsenja ċ-ċittadini tagħha. Il-Kodiċi tal-Proċedura Penali Pollakk ġie emendat wara r-reviżjoni kostituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2006. Minkejja li dawn l-emendi ma daħlux fis-seħħ qabel is-26 ta' Diċembru 2006[18], l-Artikolu 55 il-ġdid tal-Kostituzzjoni ġie applikat direttament fil-liġi Pollakka mis-7 ta' Novembru 2006 u dan b'konformità mad-Deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Kostituzzjonali.

Fit-tieni każ, għall-kontra ta' dan (DE), il-Qorti Kostituzzjonali kienet qieset li huwa neċessarju li tkun annullata l-liġi kollha adotatta għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, minħabba li ċerti dispożizzjonijiet kienu jmorru kontra l-liġi fundamentali. Għalhekk, bejn it-18.7.2005 u t-2.8.2006, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida ta' traspożizzjoni Ġermaniża, DE kienet waqfet tikkonsenja jew anke testradixxi ċ-ċittadini tagħha. Hija ma kinitx qed taċċetta li tikkonsenja l-persuni l-oħra mfittxija ħlief taħt ir-reġim ta' l-estradizzjoni. Għall-kontra ta' dan, hija kompliet toħroġ mandati ta' arrest Ewropej għall-attenzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra[19].

Din is-sitwazzjoni fetħet perjodu ineditu ta' inċertezza legali. Żewġ Stati Membri (ES u HU) billi kkwotaw ħażin il-prinċipju tar-reċiproċità rrifjutaw matul dan il-perjodu li jirrikonoxxu l-mandati ta' arrest Ewropej li DE kompliet toħroġ. ES u HU fil-fatt ikkunsidraw li DE, li ma baqgħetx tapplika l-fiduċja reċiproka, ma kelliex titlob li l-Istati Membri l-oħra jaċċettaw it-talbiet tagħha ta' konsenja għal dawk li ma kienux ċittadini nazzjonali. Din is-sitwazzjoni spiċċat fit-2.8.2006 bid-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida ta' traspożizzjoni adottata fl-20 ta' Lulju 2006.

Fit-tielet każ (CY), il-Qorti Suprema kkonfermat li l-konsenja taċ-Ċiprijotti kienet antikostituzzjonali, u dan wassal biex il-gvern kien obbligat, bħal f'PL, li jintrabat li jagħmel reviżjoni tal-Kostituzzjoni li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Lulju 2006[20]. L'Artikolu 11 il-ġdid hekk emendat jintroduċi għaldaqstant limitu ta' żmien għall-

---

17 Deċiżjoni tal-Qorti kostituzzjonali (PL) P 1/05, 27.4.2005, ippubblikata fil-ġabra uffiċjali tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal kostituzzjonali (Orzecznictwie Trybunalu Konstytucyjnego. Zbiór urzendowy) 2005 ser. A n°4, partita 42.

18 Artikoli 607p, 607t, 607w tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Pollakk.

19 Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali (DE) tat-18.7.2005, BvR 2236/04, disponibbli wkoll fi 58 NJW (Neue Juristische Wochenschrift) 2289 (2005)

20 Deċiżjoni tal-Qorti Suprema (CY) tas-7.11.2005, Ap. N° n° 294/2005 (sommarju huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż: dokument tal-Kunsill Nru 1428 5/05, 11.11.05)

possibbiltà ta' konsenja taċ-ċittadini għaliex din hija possibbli biss għal atti mwettqa wara d-data ta' adeżjoni ta' CY fl-Unjoni, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004. Il-Kostituzzjoni hekk riveduta tippermetti wkoll l-estradizzjoni taċ-Ċiprijotti għal fatti mwettqa qabel ir-reviżjoni fuq il-bażi tal-Konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati minn CY.

Huwa interessati li wieħed jinnota min-naħa l-oħra li, f'bosta Stati Membri oħra, il-ġuriżdizzjonijiet superjuri għall-kuntrarju saħħew id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jawtorizzaw il-konsenja taċ-ċittadini nazzjonali (CZ[21], EL, PT, eċċ.). Il-Qorti Kostituzzjonali ta' CZ, dwar dan il-punt adottat poiżizzjoni favorevoli għal traspożizzjoni tajba tad-deċiżjoni qafas. Fid-Deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Mejju 2006, il-Qorti Kostituzzjonali rrifjutat li tannulla l-liġi ta' traspożizzjoni rigward il-mandat ta' arrest Ewropew waqt li fakkret li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma obbligati li juru fiduċja reċiproka fis-sistema ġudizzjarja tagħhom, anke fi kwistjonijiet kriminali u li ċ-ċittadini Ċeki li jibbenefikaw miċ-ċittadinanza Ewropea għandhom jassumu l-obbligi daqs kemm għandhom jibbenefikaw mid-drittijiet li joħorġu minn dan l-Istatut. B'konsegwenza ta' dan, il-konsenja temporanja ta' ċittadin Ċek biex jiġi ġġudikat jew biex jingħata piena ma tmurx kontra l-Kostituzzjoni Ċeka għalkemm tista' tiġi interpretata bħala waħda li tostakola t-traspożizzjoni tajba ta' standard tad-dritt Ewropew.

B'mod ġenerali, dan jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri għandhom jagħtu biex l-ordinijiet ġuridiċi interni tagħhom ikunu koerenti bil-għan li jittrasponu d-deċiżjonijiet qafas. Fl-aħħarnett, ikun xieraq li tingħata attenzjoni għal dak li tgħid il-Qorti tal-Ġustizzja, b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti ta' l-Arbitraġġ tal-Belġju dwar is-sisien ta' l-Artikolu 35 tat-TUE

F'dan il-każ, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, Advocaten voor de Wereld, għamlet appell quddiem il-Qorti ta' l-Arbitraġġ Belġjana kontra l-liġi tad-19 ta' Diċembru 2003[22] li tittrasponi fil-BE d-deċiżjoni qafas minħabba li din kienet ser tkun inkumpatibbli ma' l-Artikoli 10 u 11 tal-Kostituzzjoni Belġjana. Il-Qorti Kostituzzjonali ssospendiet il-proċedura u ddeċidiet li tindirizza żewġ kwistjonijiet preġudizzjali lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-kumpatibilità tad-deċiżjoni qafas ma' l-Artikolu 34(2) tat-TUE, li skond dan id-deċiżjonijiet qafas jistgħu jiġu adottati biss għall-finijiet ta' approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentarji ta' l-Istati Membri u fir-rigward tal-konformità tat-tneħħija tal-kontroll tar-rekwiżit ta' l-inkriminazzjoni doppja ma' l-Artikolu 6(2) tat-TUE u b'mod iktar partikolari mal-prinċipju tal-legalità fi kwistjonijiet kriminali u mal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non-diskriminazzjoni garantiti minn din id-dispożizzjoni.

Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat ġenerali Colomer ikkonkluda li d-deċiżjoni qafas ma kinitx tmur kontra l-Artikoli 34(2(b) u 2(2) u ma tiksirx il-prinċipju ta' legalità fi kwistjonijiet kriminali u lanqas il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non-diskriminazzjoni. Il-Qorti fis-sentenza tagħha[23] mxiet fuq l-opinjoni ta' l-Avukat ġenerali u rrifjutat ir-raġunijiet kollha invokati mill-assoċjazzjoni Advocaten voor de Wereld.

---

[21] Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Mejju 2006, 434/2006 Sb.

[22] *Moniteur belge* tat-22 ta' Diċembru 2003, it-Tieni Edizzjoni, p. 60075

[23] Sentenza tal-Qorti tat-3 ta' Mejju 2007, C-303/05, għandha mhix ippubblikata fil-Ġabra.

Għalhekk, is-sistema ta' konsenja stabbilta bid-deċiżjoni qafas bdiet tibbenefika minn riżultat pożittiv ħafna.

## 2.2. Riżultat ta' traspożizzjoni pożittiv ħafna

### *2.2.1. Il-miżuri l-ġodda ta' implimentazzjoni kkomunikati mill-2005*

Il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali l-ġodda meħuda mill-Istati Membri ppermettew partikolarment li tkun preċiżata l-bażi legali li tippermetti fuq il-livell nazzjonali:

- li jieħdu f'idejhom l-eżekuzzjoni tal-piena fir-rigward tal-persuna mfittxija (Art. 4(6)/BE);[24]
- li jarrestaw temporanjament persuna li tkun is-suġġett ta' twissija minn Interpol introdotta minn Stat Membru li għadu ma jagħmilx parti mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (Art. 9(3)/NL, SE, PL);[25]
- li jippermettu l-konsenja aċċessorja (għal infrazzjonijiet li mhux kollha jaqgħu fl-ambitu tad-deċiżjoni qafas) (HU). [26]

Dawn il-miżuri iwieġbu għal bżonn identifikat mill-ewwel rapport u kkonfermat mill-prattika. Dawn jistħoqqilhom jitqiesu bħala prattiki tajbin għall-Istati Membri li għadhom ma joffrux l-istess possibbiltajiet.

Barra dan, ta' min jinnota li:

- CZ emendat il-liġi tagħha ta' traspożizzjoni biex tagħti l-effet retroattiv sħiħ tagħha lill-mandat ta' arrest Ewropew[27]. Din l-emenda daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006. Kif inhu indikat hawn taħt, madankollu għad hemm limitu għaċ-ċittadini nazzjonali. Fil-fatt, għall-infrazzjonijiet imwettqa miċ-ċittadini Ċeki qabel l-1 ta' Novembru 2004, il-mandat ta' arrest Ewropew mhux dejjem jista' jiġi applikat;

- DE adottat liġi ta' traspożizzjoni ġdida fl-20 ta' Lulju 2006 li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Awissu 2006 u li tippermettilha li tkun konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, imsemmija qabel. L-Artikolu 80 tal-liġi l-ġdida Ġermaniża interpretat b'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali madankollu jistipola li f'każi "mħallta" li għalihom ma jkunx hemm referenza ċara nazzjonali jew extra-nazzjonali, għandu jsir kontroll ta' l-inkriminazzjoni doppja kif ukoll jinsab bilanċ bejn l-effikaċja tal-prosekuzzjoni, l-inkriminazzjoni allegata, li jidher kontra d-deċiżjoni qafas.

- MT adottat liġi ġdida li temenda l-liġi ta' traspożizzjoni MT dwar il-mandat ta' arrest Ewropew li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2006.

Wara l-ewwel rapport tal-Kummissjoni, SI esprimiet l-intenzjoni tagħha, bħal CZ, li temenda l-leġiżlazzjoni tagħha biex tagħti effett sħiħ lill-mandat ta' arrest Ewropew. Fl-1 ta' Ġunju 2007, din l-emenda kienet għadha ma saritx.

---

24 § 2.2.1 ta' l-ewwel rapport
25 § 2.2.2 ta' l-ewwel rapport
26 Art. 2 tal-Konvenzjoni Ewropea ta' Estradizzjoni tat-13.12.1957 tal-Kunsill ta' l-Ewropa.
27 § 2.1.1 ta' l-ewwel rapport

### 2.2.2. *Il-kummenti u l-informazzjonijiet ġodda forniti wara l-ewwel evalwazzjoni*

Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri irreaġixxew bil-miktub għall-ewwel rapport tal-Kummissjoni. Il-kummenti tagħhom, ippubblikati mill-Kunsill,[28] wasslu lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jirrevedu b'mod metikoluż id-dokument anness ma' dan ir-rapport. Fost dawn il-kummenti, iktar min-nofs huma informazzjonijiet li l-Istati Membri kellhom jittrażmettu inizjalment lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 34 tad-deċiżjoni qafas, kwart minnhom huma ġġustifikati minn żballji fattwali jew ta' interpretazzjoni fl-ewwel rapport, u l-bqija tagħhom huma apprezzamenti li l-Kummissjoni taqsam magħhom jew kummenti sempliċi.

Fid-dawl ta' dawn il-kummenti, jekk il-konklużjonijiet ġenerali ta' l-ewwel rapport rivedut tal-Kummissjoni jibqgħu l-istess, ir-riżultat tat-traspożizzjoni jidher aħjar iżda l-isforz għall-konformità mad-deċiżjoni qafas għandu jitkompla.

### 2.2.3. *Sforz li għaldaqstant għandu jitkompla*

It-titjib li sar mill-2005 mill-Istati Membri għat-traspożizzjoni tad-deċiżjoni qafas, li b'mod ġenerali jidher sodisfaċenti, madankollu jħalli għal kollox in-nuqqasijiet ewlenin imressqa mill-Kummissjoni fir-rapport preċedenti tagħha.

Bħala tfakkira, minbarra l-problemi msemmija diġà rigward l-applikazzjoni fil-ħin tal-mandat ta' arrest Ewropew (CZ u PL għaċ-ċittadini nazzjonali, LU, SI) u l-konsenja taċ-ċittadini (CY), hija ħasra li għadna nilmentaw dwar dawn in-nuqqasijiet ta' traspożizzjoni:

- Emendi tal-limiti minimi ta' piena mitluba (Art. 2 / NL, AT, PL; Art. 4-7b / UK).
- L-istabbiliment mill-ġdid tal-kontroll ta' l-inkriminazzjoni doppja fir-rigward tal-lista kollha tat-32 kategorija ta' infrazzjoni (Art. 2 / IT) jew kategorija waħda biss (BE, SI[29], UK – minħabba li parti mill-infrazzjoni hija mwettqa fuq it-territorju nazzjonali, PL b'mod sistematiku għaċ-ċittadini nazzjonali tagħha).
- L-għażla ta' organu eżekuttiv minflok awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti f'kollox (Art. 6 /DK) jew f'parti (DE, EE, LV, LT).
- Poteri ta' deċiżjoni fdati lill-awtoritajiet ċentrali, li jmorru lilhinn mis-sempliċi rwol ta' faċilitazzajoni li d-deċiżjoni qafas tippermetti li tatribwilhom (Art. 7 / EE, IE, CY).
- Modifika tar-raġunijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja (Art. 3-1 / DK, IE); Art. 3-2 / IE jew iktar minn hekk, introduzzjoni tar-raġunijiet ta' rifjut li jmorru lilhimm mid-deċiżjoni qafas (Art. 1-3 / EL, IE, IT, CY, PL) jew li mhumiex previsti minnha, bħal dawk ibbażati fuq l-applikazzjoni tat-Trattat jew tal-Konvenzjonijiet li ma ġewx separati espressament mid-deċiżjoni qafas (Art. 3 / NL, UK). Il-liġi l-ġdida MT li temenda l-liġi ta' traspożizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew madankollu neħħiet ċerti raġunijiet għar-rifjut bħal dawk ibbażati fuq ċirkostanzi inġusti u oppressivi ta' l-Artikolu 16(2) tal-liġi nazzjonali.

---

[28] http://ue.eu.int/cms3_Applications/applications/PolJu/details.asp?lang=FR&cmsid=545&id=66

[29] Abbozz ta' liġi previst għal SI għall-2007.

- Rekwiżit ta' kondizzjonijiet supplimentari (Art. 5-1 / MT, UK ; Art. 5-3 / NL ; IT) jew noti jew dokumenti mhux previsti mill-formola (Art. 8-1 / CZ, IT, MT). Rigward CZ, il-Kummissjoni ġiet informata li ċirkulari, li huwa strument leġiżlattiv fid-dritt Ċek, tal-Ministeru tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2006 jipprevedi li l-formola użata għall-ħruġ ta' MAE ser tkun dik li hemm fid-deċiżjoni qafas. Barra dan, it-talba għall-informazzjoni kumplimentari hija imposta biss lill-awtoritajiet Ċeki meta dawn jaġixxu bħala awtoritajiet tal-ħruġ. Fil-prattika, ċerti pajjiżi (UK, IE) jidher li qed jitolbu b'mod kważi sistematiku informazzjonijiet kumplimentari saħansitra jeżiġu l-ħruġ mill-ġdid tal-mandat ta' arrest, u dan joħloq problemi lil ċerti pajjiżi li l-leġiżlazzjoni tagħhom ma tippermettilhomx dan, u li jtawwal konsiderevolment it-tul tal-proċeduri.

- Fir-rigward tal-konsenja taċ-ċittadini, l-introduzzjoni ta' limitu fiż-żmien (Art. 4-6 / CZ u PL għaċ-ċittadini nazzjonali) jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kontroll ta' l-inkriminazzjoni doppja (Art. 5-3 / NL, PL), kif ukoll konverżjoni tal-piena mogħtija fi Stat Membru ieħor (CZ, NL, PL).

- Impreċiżjonijiet proċedurali fil-qafas tal-ġabra tal-kunsens tal-persuna mfittxija (Art. 13 / DK; Art. 14 / DK).

- Diversità tal-prattiki fil-qasam tal-"konsenja aċċessorja" (ipoteżi li għaliha l-mandat ta' arrest Ewropew mhux biss jikkonċerna infrazzjoni msemmija fid-deċiżjoni qafas, iżda wkoll infrazzjonijiet oħra li ma jaqgħux fl-ambitu tad-deċiżjoni qafas) minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fid-deċiżjoni qafas (Art 16). Tali konsenja hija possibbli f'mill-inqas 9 Stati Membri (DK, DE, EE, ES, FI, LV, LT, AT, SE). Fi Franza, huwa l-imħallaf li jiddeċiedi jekk tali konsenja hix possibbli, għaliex il-liġi ma tipprevedix għal din l-ipoteżi.

- Nuqqas ta' tul ta' żmien massimu għad-deċiżjoni tal-ġuriżdizzjonijiet superjuri (Art. 17 / CZ, MT, PT, SK, UK) jew tul ta' żmien massimu totali li jaqbeż in-norma ta' 60 jum (BE) jew limitu ta' 90 jum f'każ ta' appell finali (FR, IT).

## 3. KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport jikkonferma l-konklużjonijiet ġenerali li ħarġu fl-2004. Minkejja d-dewmien li laħaq is-16-il xahar (IT) u l-perturbazzjonijiet ikkawżati minn diffikultajiet kostituzzjonali f'għall-inqas żewġ Stati Membri (DE matul parti mill-2005 u l-2006, CY), l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni qafas saret b'suċċess. Il-mandat ta' arrest qed jaħdem fl-Istati Membri kollha inkluż BU u RO mill-1 ta' Jannar 2007. L-impatt pożittiv tiegħu huwa kkonfermat kuljum, kemm f'termini ġudizzjarji, ta' effikaċja, kif ukoll ta' ħeffa, u dan kollu fir-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Jekk ċertu titjib tat-traspożizzjoni deher b'mod ċar fl-2005, dawn il-korrezzjonijiet għandhom biss rwol marġinali. Il-lista ta' l-Istati Membri li għandhom jaċċettaw li jagħmlu sforżi biex jikkonformaw fis-sħiħ mad-deċiżjoni qafas (speċjalment CZ, DK, EE, IE, IT, CY, LU, MT, NL, PL, SI, UK) għadha twila.

Meta titqies in-natura tagħha, din l-evalwazzjoni hija bla ħsara għal analiżi ulterjuri u approfondita tal-prattika. Hija r-raġuni għala, b'mod kumplimentari, il-Kummissjoni tassumi s-sehem tagħha kollu għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka (bejn il-pari) dwar l-applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u xtaqet f'dan ir-rapport kif ukoll fl-anness mehmuż tenfasizza l-aspetti prattiċi ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni qafas fis-27 Stat Membru.